19 ta' April, 1947.
Imħallef:
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.
**Grazia Tonna** *versus* **Paola Tonna pr. et ne.**

**"Agricultural Leases Control Board" — Sentenza — Kważi-Kuntratt Ġudizzjali.**

*Deċiżjoni tal-Board tal-Qbejjel hija ekwiparabbli għal deċiżjoni tal-Qorti Ordinarji, għax dak il-Board jeżerċita funzjoni ġudizzjarja. Għalhekk, meta sentenza ta' dak il-Board, li għaddiet ġudikat, tordna l-eviżżjoni tal-konduttur minn fond bl-obligu tas-sid li jħallas lill-konduttur il-benefikati skond il-liġi, is-sid huwa marbut li jħallas dawk il-benefikati; salva l-kwistjoni tal-"quantum"; u ma jistax jiddiskonoxxi dak l-obligu fil-prinċipju tiegħu; għax hemm il-ġudikat kontra tiegħu.*

*Dikjarazzjoni verbalizzata tal-partijiet fil-kawża torbot ukoll lill-partijiet li għamluha; u dan il-forza ta' dak li jissejjaħ "kważi kuntratt ġudizzjali", li huwa rikonoxxut fil-ġurisprudenza tagħna.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni, li biha l-attriċi ppremettiet illi hi, b'sentenza ta' l-Agricultural Leases Control Board tal-24 ta' Awissu 1945, ġiet kundannata li tiżgombra l-għalqa "ta' l-Andar" in-Nigret, limiti tar-Rabat, bl-obligu li l-konvenuta tħallsilha l-benefikati kollha (dok. A); u illi hi, b'ittra uffiċjali tat-30 ta' Novembru 1945, interpellat lill-konvenuta biex tħallsilha dawn il-benefikati ammontanti għal £44. 19. 8 skond żewġ stimi li jinsabu fil-poter tagħha, u li sal-lum għadha ma ħallsetx; u talbet li l-konvenuta proprio et nomine tkun kundannata minn din il-Qorti biex tħallas lilha s-somma ta' £44. 19. 8 fuq imsemmija, prezz ta' benefikati li saru fil-għalqa "ta' l-Andar" Nigret, limiti tar-Rabat, skond l-istimi fuq imsemmija, jew kull somma oħra verjuri li tiġi likwidata minn minn din il-Qorti għall-valur ta' dawna l-benefikati. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-30 ta' Novembru 1945, u bl-ingunzjoni biex il-konvenuta tidher għas-subizzjoni;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-konvenuta qiegħda tikkuntrasta l-kreditu reklamat mill-attriċi għal diversi raġunijiet; għaliex il-benefikati kienu ġà jeżistu; għaliex jekk saru xi benefikati, il-kumpens jistħoqq

li jitħallas mhux lill-attriċi, iżda lil ħutha Franġisk u Karmnu; u għaliex ma ngħatax il-kunsens mis-sid li jsiru l-benefikati;

Illi l-konvenuta peró ma tistax tiġi eżawdita fl-oppożizzjoni tagħha għall-ħlas ta' kumpens lill-attriċi għall-benefikati (salva l-kwistjoni tal-"quantum") għal żewġ raġunijiet deċiżivi :—

1. Id-deċiżjoni ta' l-Agricultural Leases Control Board. fol. 5;

2. Il-verbal fol. 13 hekk konċepit :— "Id-difensuri għall-partijiet jaqblu li l-unika kwistjoni hija fuq il-"kwantum"' tal-valur tal-benefikati";

Illi d-deċiżjoni tal-Board hija ekwiparabili għal deċiżjoni tal-Qrati Ordinarji, għaliex mit-tenur tar-regolamenti li waqqfu dak il-Board (Government Notice 242 ta' l-1943) jidher ċar illi l-Board jeżerċita funzjonijiet ġudizzjarji, partikolarment mill-art. 7, subart. 3, fejn jingħad illi għall-Board huma applikabili l-Liġijiet Proċedurali. Dik id-deċiżjoni għaddiet ġudikat, u l-lum il-partijiet ma jistgħux imorru kontra tagħha. Issa, skond dik id-deċiżjoni, ġiet akkordata l-evizzjoni, iżda "bl-obligu lis-sid li tħallas il-benefikati kollha skond il-liġi". Mela dik id-deċiżjoni obligat lis-sid li tħallas il-benefikati. Il-kliem "skond il-liġi" ma għandhomx ċertament issens illi l-Board kien qed jimponi dak l-obligu jekk skond il-liġi kien hemm l-obligu li jitħallas kumpens għall-benefikati: għaliex kieku kien hekk, kien jesprimi ruħu diversament. Il-ħlas ġie mpost, imma "skond il-liġi", jiġifieri għal dak li jirrigwarda l-"quantum", fil-miżura li tagħti l-liġi. Hu faċili li wieħed jifhem illi fit-trattazzjoni quddiem il-Board l-attriċi qajmet il-kwistjoni tal-benefikati, u talbet is-somma li tirriżulta mitluba fil-korrispondenza li hemm fl-inkartament. Il-Board laqa' r-reklam tagħha, fis-sens li akkorda l-evizzjoni mitluba mill-konvenuta, iżda mpona lis-sid l-obligu li tħallas il-benefikati; biss, sabiex il-kwistjoni tal-"quantum" ma tkunx preġudikata, ġew miżjuda l-kliem "skond il-liġi". Kieku l-Board ried jissubordina għal dik il-frażi mhux biss il-"quantum", imma l-eżistenza ta' l-obligu bħala prinċipju, allura ma kienx isemmi xejn minn dan l-obligu bħala kondizzjoni tad-deċiżjoni, għaliex kienet timponieh iew, skond il-

każ, tiċħdu l-istess liġi. Għalhekk il-lum il-konvenuta ma tistax aktar tikkuntrasta dan l-obligu, għaliex hemm l-ostakolu tan-"non bis in idem";

Illi minbarra dan, hemm ukoll id-dikjarazzjoni fuq verbalizzata, fejn il-kwistjoni f'din il-kawża hi espressament limitata għall-"quantum". U verament il-konvenuta, wara l-obligu impost fid-deċiżjoni tal-Board, li, kif ingħad, għaddiet ġudikat, wara illi fl-ittra uffiċjali eżibita in kopja fol. 60, kienet interpellat għall-evizzjoni u ċaħdet ir-rinova tal-qbiela lill-attriċi, u wara l-ittra tagħha fol. 19 (dokumenti dawn li minnhom jidher ċar li l-konvenuta kienet tirrikonoxxi bħala gabillotta lill-attriċi), ma tantx kienet tkun konsistenti kieku għamlet dikjarazzjoni diversa. Apparti dawna r-riflessi però, hu ċert li dik id-dikjarazzjoni hekk verbalizzata torbot lill-konvenuta, in forza ta' dak li jissejjaħ il-"kważi kuntratt ġudizzjali", rikonoxxut fil-ġurisprudenza tagħna in forza tal-prinċipju "in judiciis quasi contrahitur" (Appell "Cini vs. Portelli", 2 ta' Ottubru 1925);

Għalhekk il-kontestazzjoni tal-konvenuta, fis-sens li tikkuntrasta in prinċipju l-obligu tal-ħlas ta' kumpens lill-attriċi għall-benefikati ma tistax tiġi eżawdita, għaliex hemm l-ostakolu tal-ġudikat, kemm ukoll tal-kważi-kuntratt ġudizzjali;

Ikkunsidrat fuq il-"quantum";

*Omissis;*

Għal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeċidi;

*Omissis:*

Billi, fil-meritu, tilqa' t-talba għas-somma ta' £44. 19. 8, bl-ispejjeż kontra l-istess konvenuta proprio et nomine;

L-ispejjeż però, riżervati fid-digriet fol. 14 jibqgħu definitivament a kariku ta' l-attriċi.